StudentBounty.com

# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

2014

It–Tieni Sessjoni

Il-Malti: Il-Fehim mill-Qari

Il-Marki: 30 marka

Il-Ħin: 50 minuta

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## L-Ewwel Taqsima (1

**Aqra din l-iskeda u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

### L-Iskeda ta' VJAĠĠI FLIEGU – Sajf 2014

Il-kumpanija VJAĠĠI FLIEGU tixtieq tgħarraf lill-pubbliku bl-iskeda l-ġdida ta' vjaġġi bil-baħar bejn Għawdex u Malta għas-sajf, minn Ġunju sa Settembru 2014.

Il-vjaġġi bejn iż-żewġ gżejjer mit-Tnejn sas-Sibt se jkunu kif ġej:



| Mill-Imġarr, Għawdex | Miċ-Ċirkewwa, Malta |
|---|---|
| 5:00 | 5:30 |
| 7:00 | 7:30 |
| 9:30 | 10:00 |
| 11:30 | 12:00 |
| 15:00 | 15:30 |
| 17:30 | 18:00 |
| 20:00 | 20:30 |
| 22:30 | 23:00 |

| Il-Prezzijiet tal-Biljetti | |
|---|---|
| It-tfal | €2 |
| L-adulti | €5 |
| Ix-xufier u l-karozza | €15 |
| L-anzjani | €3 |

**Fil-Ħdud u l-festi pubbliċi l-vjaġġi jkunu aktar spissi, kull nofs siegħa.**

**Il-Faċilitajiet fuq il-Vapuri**

Fuq il-vapuri tal-VJAĠĠI FLIEGU wieħed isib kafeterija, ħanut tal-kotba u post fuq barra bil-bankijiet għall-arja.

**Għal min jeħtieġ Għajnuna Speċjali**

In-nies li jkunu jeħtieġu għajnuna speċjali fuq il-vapur għandhom iċemplu lill-kumpanija mhux inqas minn siegħa qabel il-vjaġġ biex kif jaslu fit-terminal tal-port, jingħataw l-għajnuna meħtieġa.

**Is-Sigurtà**

Il-passiġġieri għandhom jobdu l-istruzzjonijiet li jingħataw mill-kaptan u l-ħaddiema tal-kumpanija. Waqt il-vjaġġ il-passiġġieri ma jistgħux joqogħdu fil-vetturi. Importanti li l-passiġġieri jagħtu kas tat-tabelli u s-sinjali.

**Għal Tagħrif Ieħor**

Ċempel 56567124 *jew* żur is-sit elettroniku tal-kumpanija VJAĠĠI FLIEGU www.vjaġġifliegu.com.mt .

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

A. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.

L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.

1. Il-kumpanija tal-vjaġġi bil-baħar imsemmija fl-iskeda jisimha (FLIEGU VJAĠĠI, VJAĠĠI FLIEGU, SKEDA VJAĠĠI).
2. L-iskeda l-ġdida hi (tat-Tnejn, tal-istaġun, ta' Ottubru) li ġej.
3. Il-biljett tal-anzjani jiswa (iktar minn tal-adulti, daqs tal-adulti, inqas minn tal-adulti).
4. (It-Tnejn, Il-Ħamis, Il-Ħadd) ikun hemm aktar vjaġġi mill-jiem l-oħra.

B. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi tikteb in-numru fil-kaxxa t-tajba.

L-ewwel waħda lesta bħala eżempju. *(4 marki)*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | L-ewwel vjaġġ isir | | jħallas aktar. |
| 2. | Min jitla' bil-karozza | | jimxi mal-istruzzjonijiet. |
| 3. | L-iskeda tkopri | **1.** | fil-5:00 ta' filgħodu. |
| 4. | Kull passiġġier mistenni | | bejn is-1:00 u l-5:00 ta' filgħodu. |
| 5. | Il-vapur ma jaħdimx | | minn Ġunju sa Settembru 2014. |

Ċ. Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tal-iskeda. *(3 marki)*

L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.

Fuq il-vapuri ta' VJAĠĠI FLIEGU tista' tiekol u tixrob fil-**kafeterija,** tistrieħ fuq il-bankijiet ta' barra u tixtri xi rivista mill-ħanut tal-________________ . Biex jinqdew tajjeb, in-nies li jkollhom bżonn għajnuna speċjali jridu ________________ lill-kumpanija tal-inqas siegħa qabel il-vjaġġ. Waqt il-vjaġġ bejn Malta u Għawdex, ix-xufiera ma jistgħux ________________ fil-vettura tagħhom.

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**



## Ġejjin u Sejrin

*L-Ewwel Parti*

Sebaħ jum ġdid t'Awwissu. Fid-dar tal-familja Agius kien hemm geġwiġija sħiħa. Kulħadd kellu ħafna x'jagħmel. Meta jiltaqgħu f'xi kamra jew kuritur iħarsu bis-serqa lejn xulxin u jitbissmu b'idejhom mimlijin ħwejjeġ. **(paragrafu 1)**

"Paul," sejħet Helen. "Tista' jekk jogħġbok **tiġi tniżżilli l-bagalja s-sewda** minn fuq il-gwardarobba?" Ir-raġel qabad il-banketta u resaq lejn il-gwardarobba. Tela' bilwieqfa u, filwaqt li ġġebbed fuq ponot subgħajh, irnexxielu jilħaq il-widna tal-bagalja u bi skoss qawwi ġibidha lejh. Sħaba trab waqgħet fuq wiċċu u, biex jevitaha, ħares in-naħa l-oħra. Ballun żgħir tal-kamoxxa tgerbeb għal fuqu minn fuq il-bagalja u waqa' jaqbeż fl-art. "Ara fejn hu l-ballun tiegħi!" għajjat Kurt ferħan. Telaq kollox minn idu u mar jiġri jilħaq il-ballun qabel ma jidħollu taħt is-sodda. "Jaqaw ħbejthuli inti hemm fuq, Katya?" staqsa lil oħtu waqt li żamm il-ballun tajjeb f'idu. **(paragrafu 2)**

"Ara, issa morru komplu u ħalluni ħa nibda nippakkja," qatgħetilhom kliemhom l-omm filwaqt li ħadet il-bagalja minn idejn żewġha. "Kemm għandha żmien din il-bagalja!" qalet bejnha u bejn ruħha. "U kemm ħarġet tajba! Niftakar li xtrajnieha meta **sifirna** l-ewwel darba jien u Paul għaxar snin ilu''. **(paragrafu 3)**

Hekk kif Helen mesħitha bi **sponża** niedja, il-bagalja ħadet ir-ruħ. L-omm fetħet iż-żipp tal-bagalja bil-mod u għolliet il-wiċċ. Helen bdiet tippakkja l-ħwejjeġ li kellhom jieħdu magħhom għall-ġita ta' ġimgħa Vjenna. Ross minn hawn u agħfas minn hemm, il-ħwejjeġ kollha sabu posthom fil-bagalja. Helen ippruvat tagħlaqha **imma ż-żipp ma riedx jaf**. Lanqas jiċċaqlaq ma tħajjar! Mill-ewwel sejħet lil Paul li basar x'kienet il-problema. **(paragrafu 4)**

"Kemm se ġġib ħwejjeġ? Mela ħsibt li se mmorru għal xahar?" daħkilha Paul filwaqt li ntefa' fuq il-bagalja b'ruħu u ġismu. Bi tbatija rnexxielu jagħlaqha u jaqfel il-katnazz. "Mela issa lesti. Ara ma tivvintaw xejn iżjed għal ġol-bagalja. Nittama li meta jgħabbuha fuq l-ajruplan jibżgħu għaliha għax mimlija daqs bajda. Naħsbu biex immorru!" għajjat ferħan Paul filwaqt li beda jiġbed il-bagalja warajh fuq ir-roti. **(paragrafu 5)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## A. Wieġeb il-mistoqsijiet, skont is-silta. *(marka kull waħda =*

StudentBounty.com

1. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba għal din is-sentenza.

   Il-familja Agius kienet qed tipprepara biex

   a. tnaddaf id-dar.   b. issiefer.   ċ. tibdel id-dar.

2. Kompli din is-sentenza:

   Il-bagalja kienet għal qalb Helen għax ______________________________

   ______________________________________________________.

3. Xi tfisser l-espressjoni **"imma ż-żipp ma riedx jaf" (par.4)** kif użata fis-silta?

   ______________________________________________________.

4. X'beża' Paul li seta' jiġrilha l-bagalja fuq l-ajruplan? **(par.5)**

   ______________________________________________________.

5. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.

   Fil-frażi **"tiġi tniżżil<u>li</u> l-bagalja s-sewda" (par.2)**, għal min qed tirreferi <u>**li**</u> fit-tarf tal-kelma?

   a. għal Paul   b. għal Helen   ċ. għall-bagalja s-sewda

6. Aqleb il-verb b'linja taħtu **fin-negattiv**:

   … meta <u>**sifirna**</u> …  **(par.3)**  ____________________

7. Agħti **l-plural miksur** ta' **sponża. (par.4)** ____________________

8. Aqta' linja taħt **l-aġġettiv** f'din is-sentenza:

   "Naħsbu biex immorru!" għajjat ferħan Paul filwaqt li beda jiġbed il-bagalja warajh fuq ir-roti.

---

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Kompli aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

*It-Tieni Parti*



"Iss, ħej. Kemm ġejt sew!" gergret il-bagalja s-sewda. "Kemm kont aħjar kwieta u minsija fuq dik il-gwardarobba. Inħossni se nixpakka. Anzi ejja, poġġewni fuq il-bagalji l-oħra u mhux taħthom, bħal dik il-ħamra miskina."
"Jaqaw ma tantx jużawk lilek?" staqsietha bagalja ċkejkna ċelesti viċin tagħha. "Jien drajt niġri minn pajjiż għal ieħor. Sidi aktar idur id-dinja milli joqgħod Malta." **(paragrafu 6)**

"Isma', toqogħdux tgorru. Aħna dak xogħolna, li nġorru minn pajjiż għal ieħor," fakkrithom bagalja sabiħa tleqq kulur il-brunġiel. "Jien dort l-Ewropa mas-Sinjura Fiteni u tgħidx kemm tieħu ħsiebi u tibża' għalija. Kull darba li ssiefer teħodni biex igeżwruni fil-plastik ħalli ma ningirifx."
"Kulħadd b'xortih," qalet il-bagalja s-sewda. "Veru li xogħolna nġorru, imma xieraq li jittrattawna aħjar, speċjalment dawk li jgħabbu u jħottu l-ajruplani. Tgħidx x'kull tisbita jtuna. Mhux l-ewwel darba li tiċċarrat xi bagalja." **(paragrafu 7)**

Lanqas laħqet spiċċat li ma ħassewx skoss qawwi u twerżiq ta' roti. L-ajruplan beda jnaqqas mill-ġiri tiegħu sakemm waqaf għalkollox. Kienu waslu Vjenna! "Nixtiqilkom avventura sabiħa," qaltilhom il-bagalja l-ħamra hi u tieħu nifs twil. "Forsi niltaqgħu fil-vjaġġ lura u nkomplu nitkellmu."
"Grazzi u saħħa..." weġbitha l-bagalja s-sewda, u kienet se tkompli imma par idejn b'ingwanti goffi qabduha minn qaddha, ħarġuha minn żaqq l-ajruplan u xeħtuha bis-sabta fil-qiegħ ta' karru twil tal-ħadid miġbud minn vann żgħir. **(paragrafu 8)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet fi kliemek, skont is-silta.** *(marka kull waħda*

StudentBounty.com

1. Għaliex bdiet tgerger il-bagalja s-sewda fuq l-ajruplan? **(par. 6)**

   ______________________________________________

2. Għaliex taħseb li l-bagalja kulur il-brunġiel kienet imfissda? **(par. 7)**

   ______________________________________________

3. Il-bagalja s-sewda kellha xewqa speċjali għal kull meta jgħabbuha u jħottuha fuq l-ajruplan.

a) X'kienet din ix-xewqa? **(par. 7)**

   ______________________________________________

b) Taħseb li qatgħetha xewqitha f'din is-safra?

   IVA ☐ LE ☐

ċ) Għaliex taħseb hekk?

   ______________________________________________

4. X'jurik fis-silta li l-bagalja l-ħamra ħadet gost bil-kumpanija ta' ħbiebha fuq l-ajruplan? **(par. 8)**

   ______________________________________________

5. Minn **paragrafu 8** sib u ikteb **kelma** li qiegħda **fl-għadd imtenni.**

   ____________________

6. Ikteb **il-verb bil-pronom mehmuż** miegħu flok il-kliem b'linja taħtu.

   Il-ħaddiema tal-ajruport **<u>ħarġu l-bagalji</u>** mill-ajruplan.

   Il-ħaddiema tal-ajruport ____________________ mill-ajruplan.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Ċ. Wieġeb il-mistoqsijiet fi kliemek fuq is-silta kollha.** (

1. Semmi **żewġ** postijiet differenti li fihom ġrat l-istorja.

2. X'taħseb li ġralha l-bagalja s-sewda fil-vjaġġ lura Malta?

TMIEM IL-KARTA

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers